

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Rikors ippreżentat fl-24 ta' Diċembru 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-158/12)

(2013/C 86/50)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: A. Salerno u B. Cortese, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni li tiċħad it-talba għar-reklutaġġ tar-rikorrent bħala membru tal-persunal bil-kuntratt tal-grupp ta' funzjonijiet III li tressqet mill-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fil-Lussemburgu u kumpens għad-dannu materjali subit.

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kap tad-Diviżjoni "Reklutaġġ u Tmiem ta' Servizz" (DG HR.B.2) tal-Kummissjoni Ewropea, tas-6 ta' Marzu 2012, li tiċħad it-talba għar-reklutaġġ tar-rikorrent bħala membru tal-persunal bil-kuntratt tal-grupp ta' funzjonijiet III li tressqet mill-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fil-Lussemburgu;
- tikkundanna lill-konvenuta tikkumpensa d-dannu materjali kkawżat lir-rikorrent permezz tad-deċiżjoni kkontestata li għandu jiġi evalwat fl-ammont li jikkorrispondu għad-differenza bejn il-ħlasijiet li jikkorrispondu għall-GF III minn Ottubru 2011 u dawk li huwa kompli jirċievi bħala

membru tal-persunal bil-kuntratt tal-GF I, flimkien mal-interessi korrispondenti mid-data ta' skadenza ta' kull wieħed mix-xhur ta' remunerazzjoni sad-data tal-ħlas effettiv tagħhom;

- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Diċembru 2012 — ZZ vs EEA

(Kawża F-162/12)

(2013/C 86/51)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: S. Orlandi, J.-N. Louis u D. Abreu Caldas, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni li tintegra mill-ġdid lir-rikorrent sussegwentement għal leave tal-mard wara d-data li fiha seta' jerġa' jibda jaħdem skont l-opinjoni mediċi.

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-deċiżjoni ta' ċaħda imposta fl-20 ta' Settembru 2012 mill-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti fil-konfront tat-talba tal-21 ta' Mejju 2012 intiża għall-irtirar tad-deċiżjoni tal-21 ta' Frar 2012 li tintegrah mill-ġdid fl-24 ta' Jannar 2012 wara leave tal-mard.
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.